Globethics Repository

# **Kodiċi** dwar **imġiba** amministrattiva tajba [Code of Good Administrative Behaviour]

This page was generated automatically upon download from the Globethics Repository. More information on Globethics see https://www.globethics.net. Data and content policy of Globethics Repository see https://repository.globethics.net/pages/policy.


| | |
|---|---|
| Item Type | Preprint |
| Authors | European Commission |
| Publisher | European Commission |
| Rights | With permission of the license/copyright holder |
| Download date | 2026-09-11 06:46:29 |
| Link to Item | http://hdl.handle.net/20.500.12424/209920 |

KODIĊI DWAR IMĠIBA AMMINISTRATTIVA TAJBA GĦALL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI EWROPEA FIR-RELAZZJONIJIET TAGĦHOM MAL-PUBBLIKU

Servizz ta' kwalità

Il-Kummissjoni u l-persunal tagħha għandu jkollhom l-obbligu li jaqdu l-interess tal-Unjoni, u fl-istess ħin, l-interess tal-pubbliku.

Il-pubbliku jistenna, b'mod leġittimu, servizz ta' kwalità u amministrazzjoni li hija trasparenti, aċċessabbli u mmexxija sewwa.

Servizz ta' kwalità jitlob illi l-Kummissjoni u l-persunal tagħha jimxu b'korteżija, b'mod oġġettiv u b'imparzjalità.

Suġġett

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligu tagħha ta' mġiba amministrattiva tajba u b'mod partikolari, fir-relazzjonijiet tagħha mal-pubbliku, il-Kummissjoni tintrabat illi timxi mal-istandards ta' mġieba amministrattiva tajba stabbiliti f'dan il-Kodiċi u li dawn l-istandards ħa jkunu l-gwida tagħha fil-ħidma tagħha ta' kuljum.

Skop

Dan il-Kodiċi jorbot lill-persunal kollu li jaqa' taħt ir-Regolamenti dwar il-Persunal li japplikaw għal Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta' Impjegati Oħra tal-Unjoni Ewropea (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "Ir-Regolamenti") u taħt dispożizzjonijiet oħra dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-persunal tagħha li japplikaw għal uffiċjali u impjegati oħra. Madankollu, persuni impjegati taħt kuntratt regolat mil-liġi privata, esperti issekondati mis-servizzi ċivili nazzjonali u persuni li għadhom fil-proċess ta' taħriġ, eċċ, li jaħdmu għall-Kummissjoni għandhom ikunu wkoll iggwidati minn dan il-Kodiċi fil-ħidma ta' kuljum tagħhom.

Ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-persunal tagħha huma regolati esklussivament mir-Regolamenti tal-Persunal.

## 1. PRINĊIPJI ĠENERALI TA' AMMINISTRAZZJONI TAJBA

Il-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipji ġenerali li ġejjin fir-relazzjonijiet tagħha mal-pubbliku:

Legalità

Il-Kummissjoni taġixxi skont il-liġi u tapplika r-Regoli u l-Proċeduri stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

L-ebda forma ta' diskriminazzjoni u trattament ugwali

Il-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju li ma ssir l-ebda forma ta' diskriminazzjoni u b'mod partikolari, tiggarantixxi trattament ugwali għall-membri tal-pubbliku, irrispettivament min-nazzjonalità, is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Għaldaqstant, differenzi fit-trattament ta' każijiet simili għandhom ikunu ġustifikati speċifikament abbażi tal-karatteristiċi rilevanti tal-każ partikolari kkonċernat.

Proporzjonalità

Il-Kummissjoni tassigura li l-miżuri li tieħu huma proporzjonali mal-iskop li tixtieq tilħaq.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni ħa tassigura li l-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi qatt ma twassal għal impożizzjoni ta' piżijiet amministrattivi jew finanzjarji li ma jkunux proporzjonali għall-vantaġġ mistenni.

Konsistenza

Il-Kummissjoni għandha tkun konsistenti fl-imġiba amministrattiva tagħha u għandha timxi skont il-prattika normali tagħha. Kull eċċezzjoni għal din ir-regola trid tiġi ġġustifikata.

## 2. LINJI GWIDA GĦAL IMĠIBA AMMINISTRATTIVA TAJBA

Oġġettività u imparzjalità

Il-persunal għandu dejjem jaġixxi b'mod oġġettiv u imparzjali fl-interess tal-Unjoni u tal-pubbliku. Huwa għandu jaġixxi b'mod indipendenti fi ħdan il-qafas politiku stabbilit mill-Kummissjoni u l-imġiba tiegħu ma għandha qatt tkun iggwidata minn interessi personali jew nazzjonali jew minn pressjoni politika.

Informazzjoni dwar il-proċeduri amministrattivi

Meta membru tal-pubbliku jitlob informazzjoni dwar proċedura amministrattiva tal-Kummissjoni, il-persunal għandu jassigura li din l-informazzjoni tingħata fiż-żmien stabbilit fir-rigward tal-proċedura rilevanti.

## 3. INFORMAZZJONI DWAR ID-DRITTIJIET TA' PERSUNI INTERESSATI

Is-smigħ tal-persuni kollha li għandhom interess dirett

Fejn il-liġi tal-Unjoni tistabbilixxi li persuni interessati għandhom jingħataw opportunità sabiex isemmgħu l-opinjonijiet tagħhom, il-persunal għandu jassigura li din l-opportunità tingħatalhom.

L-obbligu li d-deċiżjonijiet ikunu ġġustifikati

Kull deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet għaliex ittieħdet din id-deċiżjoni u għandha tkun ikkomunikata lill-persuni u lill-partijiet ikkonċernati.

Bħala regola ġenerali, għandha tingħata ġustifikazzjoni sħiħa. Madankollu, meta ma jkunx possibbli li jkunu kkomunikati r-raġunijiet għaliex ittieħdet deċiżjoni individwali minħabba, pereżempju, in-numru kbir ta' persuni interessati f'deċiżjonijiet simili, jistgħu jingħataw tweġibiet standard. Dawn it-tweġibiet standard għandhom jinkludu r-raġunijiet prinċipali li jiġġustifikaw id-deċiżjoni meħuda. Barra minn hekk, persuna interessata li tagħmel talba espressa għal ġustifikazzjoni dettaljata għandha tingħata din il-ġustifikazzjoni dettaljata kif tkun talbet.

L-obbligu li jkunu indikati l-mezzi għall-appelli

Jekk il-liġi tal-Unjoni tipprovdi għad-dritt ta' appell, id-deċiżjonijiet notifikati għandhom jiddikjaraw b'mod ċar illi jista' jsir appell u għandhom jispjegaw kif jista' jsir l-appell, (l-isem u l-indirizz tal-uffiċċju tal-persuna jew tad-dipartiment li magħhom irid isir l-appell u ż-żmien stabbilit sabiex ikun jista' jsir appell).

Fejn ikun xieraq, id-deċiżjonijiet għandhom jirreferu għall-possibbiltà li jinbdew proċeduri ġudizzjarji u/jew li jsir ilment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikoli 263 (l-eks Artikolu 230 TKE) jew l-Artikolu 228 (l-eks Artikolu 195 TKE) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## 4. TRATTAMENT TAT-TALBIET

Il-Kummissjoni tintrabat illi twieġeb għal talbiet mill-pubbliku bl-aktar mod xieraq u kemm jista' jkun malajr.

Talbiet għal dokumenti

Jekk id-dokument mitlub diġà huwa ppubblikat, min jitlob id-dokument jiġi indikat il-postijiet ta' bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Unjoni jew iċ-ċentri ta' dokumentazzjoni jew ta' informazzjoni li jippermettu aċċess bla ħlas għad-dokumenti, bħall-postijiet ta' informazzjoni, iċ-ċentri ta' dokumentazzjoni Ewropea, eċċ. Barra minn hekk, bosta dokumenti huma faċilment aċċessibbli f'forma elettronika.

Ir-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti huma stabbiliti f'miżura speċifika.

Korrispondenza

Skont l-Artikolu 24 (l-eks Artikolu 21 TKE) 1 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha twieġeb għall-ittri fil-lingwa tal-ittra mibgħuta lilha, sakemm din l-ittra nkitbet f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

It-tweġiba għal ittra indirizzata lill-Kummissjoni għandha tintbagħat fi żmien 15-il jum utli mid-data ta' meta d-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli jirċievi l-ittra. It-tweġiba għandha tidentifika l-isem tal-persuna responsabbli mill-kwistjoni u għandha tispjega kif din il-persuna tista' tkun ikkuntattjata.

Jekk ma tkunx tista' tintbagħat tweġiba fi żmien 15-il jum utli, u fil-każijiet kollha fejn it-tweġiba teħtieg ħidma addizzjonali, bħal konsultazzjoni bejn id-dipartimenti jew traduzzjoni, il-membru tal-persunal

responsabbli għandu jibgħat tweġiba temporanja u fiha għandu jindika data sa meta l-emittent jista' jistenna li jirċievi tweġiba kompleta. Dan il-membru, meta jagħmel din l-indikazzjoni, għandu jqis il-ħidma addizzjonali meħtieġa u l-urġenza u l-kumplessità tal-kwistjoni.

Jekk it-tweġiba ħa tkun ippreparata minn dipartiment li ma jkunx id-dipartiment li jkun irċieva l-korrispondenza inizzjali, il-persuna li tkun għamlet l-inkjesta għandha tkun mgħarrfa dwar l-isem u l-indirizz tal-uffiċċju tal-persuna lil min intbagħtet l-ittra.

Dawn ir-regoli ma japplikawx għal korrispondenza li b'mod raġonevoli tista' titqies bħala mhux xierqa, pereżempju minħabba li hija ripetittiva, abbużiva u/jew bla sens. F'dan il-każ il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li ma tkomplix tikkorrispondi.

Komunikazzjonijiet bit-telefon

Kull membru tal-persunal huwa obbligat li jidentifika ruħu jew jidentifika s-servizz li jirrappreżenta bit-telefon u jwieġeb telefonati kemm jista' jkun malajr.

Il-membru tal-persunal li jwieġeb għal inkjesti għandu jagħti informazzjoni dwar suġġetti li huma r-responsabbiltà diretta tiegħu. Fejn l-inkjesta tkun dwar suġġett li mhux ir-responsabbiltà diretta tiegħu, huwa għandu jindika lil min ċempel il-persuna xierqa li tista' twieġeb għall-inkjesta. Jekk ikun hemm bżonn, huwa għandu jgħaddi t-telefonati lis-superjur tiegħu jew jikkonsulta miegħu jew magħha qabel jagħti xi informazzjoni.

Meta l-inkjesti jkunu dwar suġġetti li għalihom il-persunal huwa direttament responsabbli, huwa għandu jistabbilixxi l-identità ta' min ikun ċempel u għandu, qabel ma jgħaddi din l-informazzjoni, jara jekk l-informazzjoni miltuba tqegħditx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Jekk l-informazzjoni tkun għadha ma tqegħditx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, il-membru tal-persunal għandu jqis illi mhux fl-interess tal-Unjoni li din l-informazzjoni tkun żvelata. F'dan il-każ, il-membru tal-persunal għandu jispjega għaliex ma jistax jiżvela din l-informazzjoni. F'każijiet xierqa huwa għandu jirreferi għall-obbligu li juża diskrezzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Jekk ikun xieraq, il-persunal għandu jitlob konferma bil-miktub tal-inkjesta magħmula minn fuq it-telefon.

Indirizz elettroniku (e-mail)

Il-persunal għandu jwieġeb għal messaġġi mibgħuta permezz tal-posta elettronika fil-pront u għandu jimxi skont il-linji gwida deskritti fis-sezzjoni dwar il-komunikazzjoni bit-telefon.

Madankollu, meta l-messaġġ mibgħut permezz tal-posta elettronika huwa, min-natura tiegħu, ekwivalenti għal ittra, dan il-messaġġ għandu jkun trattat skont il-linji gwida deskritti fil-każ ta' korrispondenza normali u għandu jkun suġġett għall-istess termini perentorji.

Talbiet mill-midja

Is-"Servizz tal-Istampa u tal-Komunikazzjoni" huwa responsabbli mill-kuntatti mal-midja. Madankollu, meta t-talbiet għal informazzjoni mill-mezzi ta' komunikazzjoni jkunu dwar suġġetti tekniċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet speċifiċi tiegħu, il-persunal jista' jwieġeb għal dawn it-talbiet.

## 5. PROTEZZJONI TA' DEJTA PERSONALI U INFORMAZZJONI KONFIDENZALI

Il-Kummissjoni u l-persunal tagħha għandhom jirrispettaw, b'mod partikolari:

- ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-privatezza personali u ta' dejta personali,

- l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 339 (l-eks Artikolu 287 TKE) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari dawk l-obbligi dwar is-segretezza professjonali,

- ir-regoli dwar segretezza f'investigazzjonijiet kriminali,

- il-konfidenzalità ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-diversi kumitati u organi msemmija fl-Artikolu 9 ta' u fl-Annessi II u III tar-Regolamenti dwar il-Persunal.

## 6. ILMENTI

Il-Kummissjoni Ewropea

F’każ li l-prinċipji stabbiliti f’dan il-Kodiċi ma jiġux rispettati, jista’ jsir ilment direttament lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, li min-naħa tiegħu jibgħat dan l-ilment lid-dipartiment rilevanti.

Id-Direttur Ġenerali jew il-kap tad-Dipartiment għandu jwieġeb lill-kwerelant bil-miktub fi żmien xahrejn. Il-kwerelant għandu xahar sabiex jibgħat applikazzjoni lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea li fiha jitlob illi r-riżultat tal-ilment ikun eżaminat mill-ġdid. Is-Segretarju Ġenerali għandu jwieġeb għal din it-talba fi żmien xahar.

L-Ombudsman Ewropew

Jista' jsir ukoll ilment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228 (l-eks Artikolu 195 TKE) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-Istatut tal-Ombudsman Ewropew.”